**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Numru: 950/2005**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ommissis**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Imwieled nhar id-29 ta' Novembru 1982, residenti ġewwa Carmel, Flat 3, Triq l-Awetta, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44501L

Illum, 25 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Alexander Anthony Gialanze Whiteford, akkużat flimkien ma' *Omissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-17 ta' Ottubru 2005 ġewwa l-Msida għal ħabta tas-01:57pm:

a) Bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ta' vettura Toyota Corolla FBC 308 u l-oġġetti li kien fiha, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom. Dan id-delitt ta' serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Joseph Mary Ciappara;

b) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ta' Joseph Mary Ciappara u ċioe' vettura Toyota Corolla FBC 308, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix il-ħamsin lira Maltin;

...

e) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 41(1)(a), 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 270, 279(b), 280, 281, 289, 325, 330 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Alexander Anthony Gialanze Whiteford ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-paragrafi (a), (b) u (e) u kkundannatu komplessivament għal piena ta' sena priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexander Anthony Gialanze Whiteford, ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2021, fejn talab lil din l-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal- akkużi dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew *in subsidum*, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għal piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sena priġunerija u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja.

Rat li permezz ta' rikors intavolat mill-appellant huwa talab sabiex din l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, ai termini tal-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda ta' Charles Mifsud, David Mellows, Brian Camilleri, Dr Anne-Marie Vella u Raymond Grech fir-rigward it-talba surreferita.

Rat illi permezz ta' digriet datat il-15 ta' Settembru 2021, din l-Qorti laqgħat it-talba tal-appellant u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, irreferiet lill-istess appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu

bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord datata 26 ta' Settembru 2024, fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant ingħalaq b'suċċess. Madanakollu l-Bord spjega ukoll li huwa konvint li l-appellant għandu jattendi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali datata 12 ta' Settembru 2024 minn fejn jirriżulta illi l-appellant għad għandu diversi proċeduri penali pendenti kontra tiegħu.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell tiegħu u għalhekk qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju dwar in-natura tal-piena inflitta, l-Qorti ser tgħaddi biex tqis l-aggravji fil-mertu.

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi prodotti li kellha quddiemha u dan meta straħet unikament fuq ix-xiehda tax-xhud okulari PC1446 Tyron Sammut, liema deposizzjoni hija kontradittorja fir-rigward tal-post fejn lemaħ lill-appellant filwaqt li *Omissis* kien qed jintenta jikkometti s-serqa mill-vettura tal-parti leża. Filwaqt li fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jisħaq li ma tressqet ebda prova dwar il-ħsara volontarja allegatament kommessa minnu. Stante li dawn iż-żewġ aggravji t-tnejn jittrattaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din l-Qorti ser

teżaminahom flimkien, u dan unikament sabiex tindaga jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, dan il-każ ra t-twelid tiegħu nhar is-17 t'Ottubru 2005 meta pulizija pajżan, PC 1446 Tyron Sammut, ra lil *Omissis*, b'turnavit f'idu, jipprova jiftaħ vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni FBC 308 li kienet ipparkjata ġewwa *Msida Seafront*. Fl-istess ħin, PC 1446 osserva lill-appellant bilqegħda faċċata ta' *Omissis* qed jagħmilha ta' *lookout* u jħares sabiex jara jekk kienx ġej xi ħadd. *Omissis* induna bil-presenza ta' PC 1446, qabad jgħajjat "*Pulizija, Pulizija*" u telaq jiġri, u dak il-ħin l-appellant qam u telaq jimxi ukoll. Sussegwentement kemm l-appellant kif ukoll *Omissis* ġew arrestati. Mill-investigazzjonijiet kondotti sussewgentment irriżulta ukoll illi l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni lil ċertu Joseph Mary Ciappara, u l-istess sofriet ħsarat li jammontaw għal Lm10.79, hekk kif jidher mill fattura maħruġa minn *Michael Debono Limited*, eżebita in atti[2].

Illi, l-appellant irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar it-18 t'Ottubru 2005, liema stqarrija kienet skartata mill-Ewwel Qorti, b'din il-Qorti allura hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta' din il-prova ukoll għaliex ebda appell fir-rigward ma kien intavolat mill-Avukat Ġenerali x'aktarx stante illi l-appellant kien misjub ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Illi, spjanat dak il-punt preliminari, jingħad illi għalkemm huwa minnu li l-provi huma skarni, madanakollu minn dak li josserva l-uniku xhud li ra it-tentattiv tar-reat jitwettaq quddiemu, huwa ndubitat illi fi triq li kienet vojta minn nies oħra jew vetturi oħra, fejn ix-xhud osserva lil *Omissis* qed jipprova jisgassa vettura, bl-appellant bil-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Dok 3 a fol.43

qiegħda ftit metri ʻil bogħod minnu iħares lejn *Omissis* iwettaq ir-reat, u josserva x'kien qed jiġri fil-madwar, u li wara li *Omissis* igħajjat il-kliem "pulizija, pulizija", l-appellant iqum u jitlaq minn fuq il-post, jemerġu fatti li jindikaw b'mod inkonfutabbli illi bejn l-awtur tar-reat u l-appellant kien hemm 'l hekk imsejjaħ *common design* li titkellem dwarha il-liġi f'każ ta' kompliċita fil-kummissjoni tar-reat. Illi skartata l-istqarrija rilaxxata minnu lill-interrogaturi, l-appellant la jixhed u lanqas iressaq xi prova biex jipprova ixejjen dawn il-fatti probatorji li jpoġġuh fuq ix-xena tar-reat u li jindikaw l-komparteċipazzjoni tiegħu fit-twettiq ta'l-istess.

*In oltre*, il-ħsara kkaġjonata fuq il-vettura in dizamina ġiet ippruvata ukoll sal-grad rikjest mill-liġi hekk kif jidher mill-fattura eżebita in atti. Għaldaqtant l-ewwel zewġ aggravji tal-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar aggravju rimess għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, meta l-appellant jilmenta illi tali piena kienet eċċessiva u esaġerata u li għalhekk jistħoqqilha temperament.

Illi, għalhekk dan l-aggravju tal-appellant huwa dirett sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk huwa għandux jedd għal piena aktar miti jew alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni. Illi t-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala il-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġaladarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2021, jirriżulta illi l-appellant huwa bniedem li ilu snin twal maħkum mill-vizzju tad-droga tant illi għalkemm fir-rapport tiegħu il-Bord iddikjara li qed jagħlaq il-każ b'suċċess, madanakollu stqarr ukoll illi "**huwa konvint li l-klijent għandu**

**jattendi programm residenzjali; di fatti il-Bord kompla billi spjega lill-klijent li bħala Bord huwa jħoss li għandu l-obbligu li jinforma lill-Qorti li fil-fehma tiegħu perijodu ta' żmien ġo struttura ta' programm residenzjali kien ikun utli għall-klijent**".

Jidher li saret din ir-rakkomandazzjoni mill-Bord għaliex għalkemm il-każ dam quddiemu minn Settembru 2021 sas-26 ta' Settembru 2024 l-appellant baqa' ma ġiex ammess għall-programm ta' rijabilitazzjoni ukoll minħabba resistenza minn naħa tiegħu li xtaq ikompli jirċievi il-kura waqt li kien detenut fil-ħabs fuq każijiet oħra.

Issa skont d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għar-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ħati, u dan għandha tagħmlu wara li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.

Illi, mir-rapport tal-Bord jidher illi għalkemm kien minnu dikjarat li l-każ tal-appellant ingħalaq b'suċċess, dan kien kondizzjonali għal fatt illi huwa jinżamm ġo struttura ta' programm residenzjali u dan bil-għan li ma jkunx hemm il-biża li huwa jikkometti reati ġodda. Jidher fil-fatt illi miż-żmien li tħejja ir-rapport l-appellant spiċċa mill-ġdid inkarċerat mixli bil-kummissjoni ta' reati ġodda, fatt li l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju tiegħu għalkemm ma hemmx dokumenti in atti li jindikaw dan il-fatt.

Illi fid-dawl tal-fatt għalhekk illi ma jidhirx li l-appellant jista' meta jkun rintegrat fis-soċjetà jegħleb il-vizzju tiegħu tad-droga mingħajr l-għajnuna meħtieġa bil-konsegwenza li hemm biża' reali ta' kummissjoni ta' reati ġodda, l-Qorti tqies illi fil-konfront ta'l-appellant ma tistax tgħaddi biex tapplika dak maħsub fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-istess sub-artikolu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Tagħmel rakkomandazzjoni lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex fiż-żmien li ser ikun inkarċerat tkun mistħarrġa l-possibilità li jibda jattendi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

**Notifika: Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi ta' Kordin**